Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 321/2006

Kawza fil-lista: 63

**A V**
**vs**
**P V**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi premess lil partijiet kontendenti nghaqdu fiz-zwieg fis-sbatax (17) ta’ April tas-sena elfejn u erbgha (2004) u dan skont l-anness certifikat taz-zwieg mmarkat Dok. A;

2. Illi premess li minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

3. Illi premess li l-hajja konjugali ta' bejn il-partijiet kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba htijiet imputabbli lill-konvenuta u senjatament minhabba adulterju, eccessi, mohqrija u ingurji gravi da parti tal-konvenuta fil-konfront tal-attur u in subsidium, ghax iz-zwieg tkisser b' mod irrevokabbli;

4. Illi premess li l-attur ottjena d-debita awtorizzazzjoni mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) sabiex tkun tista' tipprocedi b'dina l-istanza;

5. Illi premess illi t-tentattivi sabiex jintlahaq il-ftehim bonarja ma swew ghal xejn u l-partijiet kienu qablu fuq kollox ghajr il-manteniment ghax il-konvenuta ghalkemm tahdem full time baqghet tinsisti li ghandha tirriserva d-dritt ta' manteniment minghand l-attur zewgha, kemm-il darba hija ma tibqax b' xoghol fiss;

Tghid ghalhekk l-intimata konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet premessi m' ghandiex din il-Qorti:

a) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenuta u tawtorizza lill-attur jghix separatament minn mal-konvenuta;

b) Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti, d-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kodici Civili in toto jew in parte;

c) Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti minn l-istess komunjoni jigu maqsuma f' zewg porzjonijiet kif jigi stabbilit u ordnat minn dina l-Qorti liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attur u l-ohra lill-konvenuta, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

d) Tordna li l-fond matrimonjali ghandu jinbiegh immedjatament u wara li jithallas id-dejn li ghandhom il-partijiet in konnessjoni mal-akkwist tal-istess fond, ir-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

e) Tinomina Nutar Pubbliku sabiex jircievi l-att ta' divizjoni relattivi u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

f) Tikkundanna lill-konvenuta tikkonsenja lill-attur l-beni dotali u parafernali kollha tieghu u tordna li l-attur jigi moghti l-piena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta eccepiet li l-htija tas-separazzjoni personali hija attribwibbli unikament lill-attur, filwaqt li toggezzjona li l-fond konjugali jinbiegh billi kien l-attur li abbanduna lill-konvenuta minhabba l-adulterju tieghu;

Rat il-kontro-talba prezentata mill-konvenuta rikonvenzjonanti, u li tinsab a fols.21 sa 24 tal-process, [Appendlici A];

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-attur rikonvenzjonat, u li tinsab a fols.27 u 28 tal-process, [Appendici B];

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Stefano Filletti;[1]

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-AIC Mario Cassar;[2]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni – Kontro-talba**

---

[1] Vols3 – fols.501 *et seq*.
[2] Vol.2 – fols.301 *et seq.*

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-partijiet qed jitolbu: li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejniethom, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta Malta u li huma qed jimputaw lil xulxin; kif ukoll li din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Il-partijiet cahdu dak attribwit lilhom mill-parti l-ohra.

**Separazzjoni Personali**
Illi l-partijiet izzewwgu fis-17 ta' April 2004 wara li kienu ilhom johorgu flimkien seba' [7] snin. Minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal. Wara konvivenza ta' circa sena u nofs, il-partijiet isseparaw de facto billi l-attur fl-14 Novembru 2005 telaq mid-dar konjugali.

*Verzjoni Attur*
L-attur jilmenta li martu ma kienitx taghti kasu, ma kienitx taghmel il-facendi tad-dar, ma ssajjarx nhar ta' Hadd, u ma tahsillux hwejjeg, filwaqt li hi kienet tmur il-gym fejn kienet tqatta' hafna mill-hin tal-gurnata.

Fis-sajf tas-sena 2005 il-partijiet isseparaw de facto bi ftehim, u bi prova sabiex jaraw kif imorru l-affarijiet, izda fix-xitwa huwa kien rega' rritorna lura d-dar fuq rikjesta taghha.

Jghid li martu riedet tibqa' tghix il-hajja ta' xebba u riedet aktar liberta'. Kienet trid tohrog ma shabha tax-xoghol Paceville u tirritorna fis-sieghat bikrin ta' filghodu. Kienet taghti hafna kunfidenza lil certu Mark li kien jahdem maghha fuq. Bejn Ottubru u Novembru 2005 hija kienet riedet is-separazzjoni, izda l-partijiet irrangaw.

L-attur jilmetna li martu ma rieditx tghix il-hajja ta' mara mizzewwga, kienet ittajjar il-flus u wkoll tilbes ilbies indicenti.

Fl-14 Novembru 2005 huwa telaq mid-dar konjugali, u fi Frar jew Marzu 2006 dahal f' relazzjoni stabbli ma' Mariella Darmanin li hu kien jaf matul il-konvivenza, u li l-

partijiet gieli hargu maghha u mar-ragel taghha, sa anke kienu marru Ghawdex flimkien fis-sajf 2005.

L-attur ipprezenta kopji mid-dijarju li kienet izzomm il-konvenuta, li juru zewg entries, wahda fil-21 ta' Jannar 2007 u l-ohra fit-28 ta' Jannar tal-istess sena, li jitfghu dell ikrah fuq il-konvenut, u jsostnu l-imputazzjoni tieghu ta' adulterju kommess.

*Verzjoni Konvenuta*
Il-konvenuta tispjega li huma kienu bdew johrogu flimkien meta kellhom 16-il sena, u zzewwgu wara 7 snin. Tghid li, anke matul dan il-perijodu, kien jidher li l-attur, allura l-gharus taghha, kien jghir ghaliha u ma jafdahiex; kien ukoll jitfa' r-responsabbilita' ta' certu affarijiet kollha fuqha. F' dan iz-zmien hi kienet tmur il-gym.

Wara z-zwieg l-attur sar dominanti u pussessiv hafna, kemm fejn jidhlu l-flus li kienu jippercepixxu z-zewg partijiet mix-xoghol rispettiv taghhom, kif ukoll dwar il-movimenti taghha. Kien jghajjarha 'qahba' u jakkuzaha b' relazzjonijiet extra matrimonjali. Ried li l-affarijiet isiru kif jghid hu.

L-attur ma kienx jghin fil-facendi tad-dar, u ma kienx iqatta' hin maghha wara x-xoghol. Tghid li zewgha kien insensittiv ghall-bzonnijiet taghha, anke fejn jidhlu r-relazzjonijiet intimi ta' bejniethom.

F'Lulju 2005 l-attur beda johrog wahdu, u bdiet il-hbiberija ma' Mariella Darmanin. Il-konvenuta kienet tinnota certu konfidenzi bejn l-attur u din il-mara; u minn dak iz-zmien ir-relazzjoni matrimonjali qalbet ghall-aghar hafna. Zdied it-theddid u t-tghajjir, tant li f' Novembru 2005 huwa telaq mid-dar konjugali, u fi Frar 2006 il-konvenuta ratu fil-karrozza ma' Mariella Darmanin u bintha.

Illi rigward l-entries fid-dijaru taghha, il-konvenuta spjegat li fil-21 ta' Jannar 2007 hija kienet raqdet, flimkien mal-habiba taghha, ghand certu Jesmond; filwaqt li dwar l-entry l-ohra, hija tghid li ma kienitx tiftakar dwarha.

Hija cahdet li kkommettiet adulterju, jew li kellha xi hbiberija specjali ma' ragel iehor. Tinnega li ma kienitx issajjar, filwaqt li tghid li l-attur kien jghin fil-hasil tal-hwejjeg.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti hi tal-fehema li, ghal dak li sehh fiz-zmien tal-konvivenza matrimonjali, ghandha taghti aktar affidament lill-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenuta, milli minn dik moghtija mill-attur; u hija tal-fehema li l-inkwiet matrimonjali li eventwalment wassal ghat-tkissir taz-zwieg kien il-komportament dominanti u pussessiv, u anke insensittiv, tal-attur fil-konfront ta' martu, kif ukoll il-hbiberija specjali li l-attur kellu ma' Mariella Darmanin, li wasslitu sabiex jitlaq mid-dar konjugali u jittrattjeni fl-apert relazzjoni adultera ma' din il-mara. Fil-fehema tal-Qorti din kienet l-kawza principali li wasslet ghas-separazzjoni de facto bejn il-partijiet.

Illi rigward l-entries fid-dijarju tal-konvenuta, il-Qorti hi tal-fehema li, fin-nuqqas ta' spjegazzjoni cara u konvincenti da parti tal-konvenuta, dawn huma provi li jwasslu ghall-konkluzjoni li f' zewg okkazzjonijiet, il-konvenuta kellha relazzjonijiet intimi ma' rgiel ohra; izda dan kien <u>aktar minn sena</u> minn meta l-attur kien telaq mid-dar konjugali biex jkompli bir-relazzjoni tieghu ma' Mariella Darmanin u jghix fi stat ta' konkubinagg maghha.

Ghalhekk f' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tikkonsidera opportun li tapplika d-diskrezzjoni taghha moghtija fl-artikolu 52 tal-Kap.16 billi, tenut kont tal-fatt li ghas-separazzjoni personali jahti biss l-attur, partikolarment in vista tar-relazzjoni extra matrimonjali <u>stabbli</u> tieghu ma' Mariella Darmanin, li kawza taghha huwa telaq mid-dar konjugali, u halla lill-konvenuta waheda, l-adulterju konsegwenzjali u sporadiku tal-konvenuta m'ghandux iwassal ghat-telf tad-dritt taghha li titlob manteniment minghand zewgha l-attur bhala l-persuna unikament hatja tas-separazzjoni.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li mill-provi jirrizulta li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser

irrimedjabbilment tort ta' l-attur fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16; u li dan ghandu jattira fil-konfront ta' l-attur id-dispost ta' l-artikolu 48 fl-intier tieghu.

**Manteniment**

Illi dwar dan l-aspett tal-kawza, il-Qorti, tenut kont li l-konvenuta tahdem u ghandha ntrojtu regolari, mhijiex ser tikkomputa ebda manteniment f' dan il-gudizzju, izda ser tillimita d-decizjoni taghha billi tafferma d-dritt tal-konvenuta li titlob manteniment minghand l-attur kemm-il darba din, involontarjament u ghar-ragunijiet mhux fil-kontroll taghha, tisfa' bla mezzi adegwati ghall-ghejxien taghha.

**Kommunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi l-kommunjoni ta' l-akkwisti qed tigi xjolta b' effett mill-14 ta' Novembru 2005, u cioe' d-data li fiha l-attur telaq mid-dar konjugali.

Din tikkonsisti fis-segwenti assi:

*Attiv*

[1] Il-fond appartament Birkirkara, stmat[3] mill-perit arkitett fl-ammont ta' €151,409 [ekwivalenti ghal LM65,000];

[2] Depoziti bankarji, kemm f' isem iz-zewg partijiet, kif ukoll komuni;

*Passiv*

[a] Il-House loan;

[b] Kreditu Parfernali pretiz mill-attur fil-konfront tal-komunjoni, fl-ammont ta' €31,680 [ekwivalenti ghal LM13,600];

[c] Kreditu tal-konvenuta rigward spejjez u pagamenti tad-dar, fl-ammont ta' €144 [ekwivalenti ghal LM62];

[d] Dejn rigwardanti l-visa card classic fl-ammont ta' €1,023.90;

*Assenjazzjoni*

Il-Qorti tikkunsidera xierqa u gusta s-segwenti assenjazzjoni; u ghalhekk tordna li:

[3] Fis-19 Jannar 2007

[1] Il-fond fi Bwieraq, Birkirkara, jinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sena bil-prezz mhux inferjuri ghall-imsemmi ammont ta' €151,409 [ekwivalenti ghal LM65,000]; u fin-nuqqas jinbiegh that l-awtorita' tal-Qorti skond il-ligi; u r-rikavat, wara li jithallas minnu d-dejn gravanti l-istess fond, kif ukoll l-krediti dovuti mill-kommunjoni tal-akkwisti, hawn taht indikati, jigi maqsum ugwalment bejn il-partijiet;

Il-konvenuta qed tigi awtorizzata tibqa' tabita fid-dar konjugali ad eskluzzjoni ta' l-attur ghal perijodu ta' sena millum;  wara liema perijodu hi qed tigi ordnata permezz tal-gudizzju odjern sabiex tivvaka dan il-fond.

Illi rigward it-talba tal-konvenuta sabiex din tigi awtorizzata tibqa' tabita fid-dar konjugali, il-Qorti hi tal-fehema li: tenut kont tal-fatt li ma twieldux tfal f' dan iz-zwieg, u ghalhekk m'hemmx minorenni;  tenut kont tal-fatt li l-konvenuta ghadha zghira fl-eta', u tiflah tahdem, kif fil-fatt taghmel f' impieg regolari; ukoll tenut kont tal-fatt li l-konvivenza matrimonjali kienet qasira hafna, u li din hija l-unika proprjeta' sostanzjali li jipposjedu l-partijiet, din it-talba mhijiex gustifikata fic-cirkostanzi.

[2] Il-mobbli kollha ezistenti fl-imsemmi fond illum, huma parafernali tal-konvenuta, u ghandhom jigu konsenjata lilha;

[3] Il-bilanc tad-depoziti bankarji kif ezistenti fl-14 ta' Novembru 2005, kemm jekk kongunti fuq iz-zewg partijiet, kemm jekk intestati separatament, ghandhom jinqassmu wgwalment bejn il-partiijiet;

[4] Il-bilanc tad-dejn mal-visa classic ezistenti fl-imsemmija data ghandhu jigi sopportat ugwament bejn iz-zewg partijiet;

[5] Il-parti li tkun hallset pagamenti tas-self tad-dar, jew ghamlet spejjez fid-dar u ghad-dar, wara l-imsemmija data ghandha dritt ghall-nofs l-ammont imhallas minnha; filwaqt li l-pagamenti li saru qabel dik id-data, anke jekk

minn parti wahda biss, jitqiesu bhala pagamenti maghmula mill-kommunjoni ghall-kommunjoni;

[6] Illi mir-rikavat tal-bejgh tad-dar ghandhu wkoll jithallas lill-attur l-kreditu parafernali tieghu ta' €30,282 [ekwivalenti ghal LM13,000]; filwaqt li d-debitu tal-kommunjoni fil-konfront tal-genituri tal-attur, ammontanti ghas-somma ta' €1,398 [ekwivalenti ghal LM600], ghandhu wkoll jigu sopportati miz-zewg partijiet.

[7] Illi rigward il-pretensjoni tal-konvenuta li missierha ghamel xi xogholijiet [ghajr ghall-ghamara] fid-dar matrimonjali, il-Qorti qed tirrizerva din il-pretensjoni ghal gudizzju separat, u fil-kaz li jirrizulta gudizzjarjament li missierha huwa kreditur tal-kommunjoni, l-ammont stabbilit ghandu jigi sopportat ugwalment bejn iz-zewg partijiet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar <u>l-azzjoni</u> billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija unika tal-attur;
[2] tichad it-tieni talba;
[3] tilqa' it-tielet u r-raba talba, u xxolji l-kommunjoni ta' l-akkwisti u tillikwidaha u tassenjaha fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kommunjoni ta' l-Akkwisti';
[4] tilqa' l-hames talba, u tinnomina lin-Nutar Dottor Sylvana V Caruana sabiex tircevi l-att opportun fil-gunata, hin u post fissati mill-istess nutar, u lill-Avukatessa Dottor Graziella Bezzina sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci;
[5] tilqa' is-sitt talba fis-sens stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kommunjoni ta' l-Akkwisti';

Tiddecidi dwar <u>il-kontro-talba</u> billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba;
[2] tilqa' t-tieni talba limitatament ghal perijodu ta' sena kif fuq indikat; wara liema perijodu l-konvenuta qed tigi ordnata permezz tal-gudizzju odjern sabiex tivvaka mill-imsemmi fond;
[3] tilqa' t-tielet talba fis-sens gja fuq deciz relattivament ghall-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-kommunjoni ta' l-akkwisti;

[4] tilqa’ ir-raba’ talba fis-sens gja fuq deciz;
[5] tilqa’ il-hames talba fis-sens gja fuq deciz;
[6] tilqa’ s-sitt talba fis-sens li tapplika fil-konfront ta’ l-attur id-dispost fl-intier tieghu ta’ l-artikolu 48 tal-Kap.16;

L-ispejjez kollha, kemm tal-azzjoni kif ukoll tal-kontro-talba, jkunu a kariku ta’ l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------